**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 30 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 106/01 AJD*

Fire Tech Ltd.

vs

Ripard, Larvin and Ripard Ltd.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Frar, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm122.77), rapprezentanti pagamenti dovuti lis-socjeta' attrici.
Bl-ispejjes, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-kawza, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-

1. Illi l-azzjoni u t-talba huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Salv eccezzjonijiet ohra fuq il-meritu.

Ra s-sentenza tas-7 ta’ Settembru, 2001, fejn l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta giet michuda.

Ra s-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 2001, fejn l-eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta giet milqugha limitatament ghall-ammont ta’ tnejn u tletin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm32.25).

Sema' x-xhieda ta' Godfrey Attard, rappresentant tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tad-dokumenti esibiti.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici limitatement ghall-ammont ta' disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm90.52) u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dan l-ammont ta' disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm90.52) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR